

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/240**tal-10 ta' Frar 2017****dwar in-nonapprovazzjoni taż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. bħala sustanza bażika f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE, u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5), flimkien mal-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-Kummissjoni rċeviet fis-7 ta' Lulju 2015 applikazzjoni mill-*Institut technique de l'agriculture biologique (ITAB)* għall-approvazzjoni taż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. bħala sustanza bażika. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-informazzjoni meħtieġa skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(3).
- (2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għal assistenza xjentifika. Fit-13 ta' Ġunju 2016, l-awtorità ppreżentat lill-Kummissjoni Rapport Tekniku dwar is-sustanza kkonċernata ⁽²⁾. Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' analiżi ⁽³⁾ u l-abbozz ta' dan ir-Regolament dwar in-nonapprovazzjoni taż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fis-7 ta' Ottubru 2016, u ffinalizzathom għal-laqgħa ta' dan il-Kumitat fis-7 ta' Diċembru 2016.
- (3) Id-dokumentazzjoni mogħtija mill-applikant turi li ż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. jissodisfa l-kriterji ta' oġġett tal-ikel kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (4) Fir-Rapport Tekniku tal-Awtorità, ġie identifikat tħassib speċifiku, dwar l-esponiment għaż-żejt essenzjali u l-komponenti tal-karvakrol u tal-gamma-terpinene speċifikament permezz tal-użu tal-pestiċidi u, bħala riżultat ta' dan, il-valutazzjoni tar-riskju għall-operaturi, il-ħaddiema, il-persuni fil-qrib, il-konsumaturi u l-organiżmi mhux fil-mira ma setgħetx tiġi ffinalizzata.
- (5) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant biex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar ir-Rapport Tekniku tal-Awtorità u dwar l-abbozz tar-rapport ta' analiżi. L-applikant ippreżenta l-kummenti tiegħu, li ġew eżaminati bir-reqqa.
- (6) Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa mill-applikant, it-tħassib relatat mas-sustanza ma jistax jiġi eliminat.
- (7) Konsegwentament, kif stabbilit fir-rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni, ma ġiex stabbilit li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Huwa għalhekk xieraq li ma jiġix approvat iż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. bħala sustanza bażika.
- (8) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni ulterjuri għall-approvazzjoni taż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. bħala sustanza bażika f'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

⁽¹⁾ ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.⁽²⁾ Outcome of the consultation with Member States and EFSA on the basic substance application for *Satureja montana* L. for use in plant protection as fungicide and bactericide on various crops (Eżitu tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-EFSA dwar l-applikazzjoni fir-rigward tas-sustanza bażika *Satureja montana* L. għall-użu fil-protezzjoni tal-pjanti bħala fungjiċida u batteriċida fuq bosta għelejjel). Pubblikazzjoni ġustifikattiva tal-EFSA 2016:EN-1051.⁽³⁾ <http://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=activesubstance.selection&language=EN>⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠUL 31, 1.2.2002, p. 1).

- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanza taż-żejt essenzjali *Satureja montana* L. mhix approvata bħala sustanza bażika.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
